MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Leone Dimech ta' 30 sena, bin Alfred u Helen nee Ciantar, imwieled Pieta', nhar it-3 ta' Mejju, 1973, residenti Blk 2B, Flat 4, New Housing Estate, Gzira Rd, Gzira u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 221873 (M).**

Il-Qorti

Rat l-akkuza fejn l-hawn fuq imsemmi Leone Dimech gie akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

1. Talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq il-Madliena, fis-Swieqi, f'xi hin matul il-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom pompi tal-ilma, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Wibke Siefert,
2. U aktar talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq in-Nebbieta, f'Attard, f'xi hin matul il-lejl bejn id-29 u t-30 ta' Jannar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'appliances' domestici, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' George Grech,
3. U aktar talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq Tal-Mielah, fis-Swieqi, f'xi lejl fix-xaghar ta' Frar, 2003 f'xi hin matul il-lejl, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom hi-fi, liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Anthony Camilleri.
4. U aktar talli minn gewwa residenza sitwata fi Triq il-Galata, fis-Swieqi, Madliena, f'xi hin matul il-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Frar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat domestiku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltinu sar ghad-dannu ta' Anthony Bone,
5. U aktar talli minn gewwa residenzqa sitwata fi Triq il-Qasba, fis-Swieqi, f'xi hin matul il-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Frar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'appliances' domestici, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Angela Attard.

6. U aktar talli minn gewwa Villa Markin, sitwata f'Busietta Gardens, Madliena, Gharghur, f'xi hin wara nofs in-nhar bejn ix-xhur ta' Settembru 2002 u Marzu 2003 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'lift' liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Adrian Busietta.

7. U aktar talli minn gewwa Villa li ghadha qed tinbena, sitwata fi Triq l-Irdum, Bahar ic-Caghaq, f'xi hin wara nofsinhar fix-xhur ta' bejn Ottubru, 2002 u Dicembru 2002, ikkommetta serq ta' pompa tal-ilma ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa,

8. U aktar talli minn gewwa villa li ghadha qed tinbena, sitwata fi Triq Robert Sammut, Rabat, f'xi hin bil-lejl fix-xhur ta' bejn Ottubru, 2002 u Dicembru, 2002, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom ghodod liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Christino Muscat,

9. U aktar talli minn gewwa Valley View Gardens, sitwata fi Triq ix-Xiber, Ibragg, Madliena, f'xi hin filghodu fix-xhur ta' bejn Ottubru, 2002 u Dicembru, 2002 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom water heater liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u sar ghad-dannu ta' John Saliba,

10. U aktar talli minn gewwa Villa li ghaha qed tinbena, sitwata fi Triq il-Porzjunkula, Bahar ic-Caghaq, f'xi hin bil-lejl fix-xhur ta' bejn Ottubru, 2002 u Dicembru, 2002 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom ghodda (mutur tal-magna tal-gebel) liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Steve Buhagiar,

11. U aktar talli minn gewwa vettura Mitsubishi Pajero b'numru ta' registrazzjoni DAE-192 li kienet ipparkjata fi Triq l-Irdum, Bahar ic-Caghaq, f'xi hin wara nofs in-nhar fix-xhur ta' bejn Ottubru 2002 u Dicembru 2002 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom cinturin bl-iskratac liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u bin-natura tal-oggett misruq u dan ghad-dannu ta' Gennaro Filletti,

12. U aktar talli minn gewwa villa li ghadha qed tinbena, sitwata fi Triq il-Linja, Attard f'xi hin filghodu fix-xhur ta' bejn Ottubru 2002 u Dicembru 2002 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom ghodod liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Martin Camilleri,
13. U aktar talli minn gewwa villa li ghadha qed tinbena, sitwata fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, f'xi hin wara nofsinhar fix-xhur ta' bejn Ottubru, 2002 u Dicembru 2002, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom pompi tal-ilma liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Alex Mercieca,
14. U aktar talli minn gewwa 'La Vita', sitwata fi Triq il-Buganvilla, Ibragg, St Andrews, f'xi hin bil-lejl fix-xhur ta' bejn Ottubru, 2002 u Dicembru, 2002 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom ghamara antika, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u sar ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa.
15. U aktar talli minn gewwa garaxx sitwat fi Triq is-Sirk, Swieqi, f'xi hin filghodu fix-xhur ta' bejn Jannar 2003 u Marzu 2003, ikkommetta serq ta' mountain bike ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa.
16. U aktar talli minn gewwa garaxx sitwat fi Triq l-Ghamad, Swieqi, f'xi hin filghodu, fix-xhur ta' bejn Jannar 2003 u Marzu 2003, ikkommetta serq ta' camera tad-ditta Olympus ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa,
17. U aktar talli minn gewwa garaxx sitwat fi Triq Wied id-Dir, Madliena, f'xi hin filghodu, fix-xhur ta' bejn Jananr, 2003 u Marzu, 2003, ikkommetta serq ta' motor grass trimmer ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa.
18. U aktar talli minn gewwa post mhux maghruf, f'xi hin filghodu, fix-xhur ta' bejn Jannar, 2003 u Marzu 2003, ikkommetta serq ta' grinder tal-marka Metabo ghad-detriment ta' nies mhux maghrufa,
19. U aktar talli minn gewwa garaxx sitwat fi Triq il-Kbira, fl-Imgarr, f'xi hin filghodu nhar it-23 ta' Mejju, 2003 ikkommett serq ta' diversi oggetti fosthom arma tan-nar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu ta' Joseph Muscat,

20. U aktar talli bejn Ottubru, 2002 u April, 2003 xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaqbzux l-elf lira Maltin, li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibighhom jew imexxihom,

21. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm arma tan-nar u cioe senter tad-ditta Luigi Franchi, u numru tas-serje SA60619, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Pulizija,

22. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala persuna li gie fil-pussess ta' l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija,

23. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew kontroll f'idu jew fuqu, arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr arma regolari minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

24. Fl-ahhar nett akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li waqt l-interrogatorju ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fuq tali ammissjoni din il-Qorti kienet ordnat li jigi mhejji pre- sentencing report, ghal dan l-iskop giet mahtura l-probation officer Marietta Lanzon. L-imsemmija pprezentat il-pre-sentencing report taghha fejn irrakkomandat li l-akkuzat jinghata sentenza karcerarja u dan sabiex l-imsemmi jaghmel ammont ta' zmien il-boghod mid-droga u jkollu zmien jirrifletti fuq hajtu. Din ir-rakkomandazzjoni saret minhabba l-fatt li kif qalet l-istess probation officer l-akkuzat inghata gia diversi opportunitajiet biex johrog mill-problema tieghu pero` jidher li ma tghallimx mill-izbalji tieghu.

Rat ukoll ir-rapport ta’ Dr.Cassar minnha nominat li rrakkomanda ghar-ragunijiet premessi fl-istess relazzjoni li l-akkuzat ghandu bzonn ta’  psikoterapija psikodinamika t-tul li ghandha ssir gewwa facilita` korrettiva.

Ghaldaqstant in vista ta’ l-ammisjoni, ssib lil Leone Dimech hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 267, 270, 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9,  kif ukoll l-artikolu 17, 278, 279, 280 tal-Kap 9, rat il-fedina penali tieghu, rat ukoll l-ammont stravolgenti ta’ reati minnu kommessi, kkonsidrat ukoll l-ammissoni bikrija tieghu. In vista ta’ dana kollu thoss li l-akkuzat ghandu jbati piena karceraraja ta’ sentejn habs. **Tirrakomanda illi Leone Dimech jitqieghed fi programm kontra l-abbuz ta’ droga u barra minn hekk illi huwa jibqa’, kif kien is-suggeriment ta’ Dr.Cassar, segwit attentament minn psikjatra ghal tul id-detenzjoni tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------